

— fil-komuni b'popolazzjoni ogħla minn 4 000 abitant, il-ftuħ ta' spiżerija ġdida huwa suġġett għal kundizzjonijiet bħal li jrid ikun hemm iktar minn mill-inqas 50 % tan-numru ta' abitanti meħtieġa għal spiżerija u l-osservanza ta' distanza minima fir-rigward tal-ispiżeriji diġà eżistenti,

bil-kundizzjoni li tali leġislazzjoni tippermetti, b'deroga mir-regoli bażiċi, il-ħolqien ta' numru suffiċjenti ta' spiżeriji li jistgħu jiżguraw servizz farmaceutiku approprijat fiż-żoni b'karatteristiċi demografiċi jew ġeografiċi partikolari, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

(¹) ĠU C 260, 11.10.2008

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte d'appello di Milano — l-Italja) — Cassina S.p.A. vs Alivar Srl, Galliani Host Arredamenti Srl

(Kawża C-198/10) (¹)

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Proprietà industrijali u kummerċjali — Direttiva 98/71/KE — Protezzjoni legali ta' disinni — Artikolu 17 — Obbligu ta' akkumulazzjoni tal-protezzjoni tad-disinni ma' dik tad-drittijiet tal-awtur — Leġislazzjoni nazzjonali li teskludi l-protezzjoni mid-drittijiet tal-awtur għad-disinni li jaqgħu fil-qasam pubbliku qabel id-dħul fis-seħħ tagħha)

(2012/C 25/35)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte d'appello di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Cassina S.p.A.

Konvenuta: Alivar Srl, Galliani Host Arredamenti Srl

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Corte d'Appello di Milano — Interpretazzjoni tal-Artikoli 17 u 19 tad-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta' disinni — Liġi nazzjonali li ttrasponiet id-direttiva billi introduċiet il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur għad-disinni — Possibbiltà għal Stat Membru li jestendi l-kundizzjonijiet sabiex tingħata din il-protezzjoni

Dispożittiv

L-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta' disinni,

għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni ta' Stat Membru li teskludi totalment jew sal-limiti tal-użu preċedenti, il-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur ta' dan l-Istat Membru, id-disinni li kienu jaqgħu fil-qasam pubbliku qabel ma din il-leġislazzjoni daħlet fis-seħħ, fil-konfront ta' kull terz li diġà pproduċa u/jew ikkummerċjalizza fit-territorju nazzjonali prodotti li ġew prodotti, skont dawn id-disinni, qabel din id-data.

(¹) ĠU C 179, 03.07.2010.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Settembru 2011 — Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-289/10 P) (¹)

(Appell — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Sejħa għal offerti — Analiżi, żvilupp, manutenzjoni u sostenn ta' sistemi telematiċi ta' sorveljanza ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa — Ċaħda tal-offerta — Nuqqas ta' motivazzjoni ta' din iċ-ċaħda)

(2012/C 25/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentant: N. Korogiannakis, dikigoros)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: M. Wilderspin, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Marzu 2010 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-50/05), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Novembre 2004, li tiċħad l-offerta tal-appellanti fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti dwar l-analiżi, l-iżvilupp, il-manutenzjoni u s-sostenn ta' sistemi telematiċi ta' sorveljanza ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa kif ukoll tad-deċiżjoni li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) *Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE* hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 246, 11.09.2010.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-22 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Liège — il-Belġju) — Hubert Pagnoul vs L-Istat Belġjan

(Kawża C-314/10) (¹)

(Artikoli 92(1), 103(1), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Eżami tal-konformità ta' liġi nazzjonali kemm mad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mal-Kostituzzjoni nazzjonali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovd i għan-natura prijoritarja ta' proċedura incidental i ta' sħarriġ ta' kostituzzjonalità — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Neċessità ta' rabta mad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdiżżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2012/C 25/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Liège

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Hubert Pagnoul

Konvenut: Stat Belġjan

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal de première instance de Liège — Interpretazzjoni tal-Artikoli 6 TUE, 267 TFUE u 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Riferiment obbligatorju minn qabel għall-Qorti Kostituzzjonali mill-qrati nazzjonali f'każ ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali minn liġi nazzjonali — Konformità, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, tad-dispożizzjoni nazzjonali li timponi dan ir-riferiment minn qabel — Possibbiltà, għall-qrati nazzjonali, li jwettqu sħarriġ ta' konformità tar-regoli nazzjonali ma trattati internazzjonali meta l-qorti kostituzzjonali tkun iddikjarat il-liġi nazzjonali inkwistjoni kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Kostituzzjoni.

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha nuqqas manifest ta' ġurisdiżżjoni sabiex tirrispondi d-domanda preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance de Liège (il-Belġju).

(¹) ĠU C 246, 11.09.2010.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-22 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Liège (il-Belġju)) Richard Lebrun, Marcelle Howet vs L-Istat Belġjan

(Kawża C-538/10) (¹)

(Artikoli 92(1), 103(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Talba għal deċiżjoni preliminari — Eżami tal-konformità ta' regola nazzjonali kemm mad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mal-Kostituzzjoni nazzjonali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovd i għan-natura prijoritarja ta' proċedura incidental i ta' sħarriġ tal-kostituzzjonalità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Neċessità ta' relazzjoni mad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdiżżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2012/C 25/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Liège

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Richard Lebrun, Marcelle Howet

Konvenut: L-Istat Belġjan

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal de première instance de Liège — Interpretazzjoni tal-Artikoli 6 TUE, 267 TFUE u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Azzjoni preliminari obbligatorju quddiem il-Cour Constitutionnelle mill-qrati nazzjonali f'każ ta' ksur preżunt tad-drittijiet fundamentali minn liġi nazzjonali — Konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tad-dispożizzjoni nazzjonali li timponi din l-azzjoni preliminari — Possibbiltà, għall-qrati nazzjonali, li jeżerċitaw sħarriġ tal-konformità tal-liġijiet nazzjonali mat-trattati internazzjonali meta l-qorti kostituzzjonali tkun iddikjarat il-liġi nazzjonali inkwistjoni kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Kostituzzjoni

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha nuqqas manifest ta' ġurisdiżżjoni sabiex tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunal de première instance de Liège (il-Belġju).

(¹) ĠU C 38, 05.02.2011